Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 56**

**nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju 2017, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 56 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju 2017, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Clayton Gauci - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Eman Vella - Deputat Sindku

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:56pm.

ii. Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta messaġġ mingħand id-Deputat Sindku Eman Vella li kien ser iddum fuq il-post tax-xogħol tiegħu u għalhekk ma kienx possibbli li jattendi din il-laqgħa. Il-Kunsill approva unanimament li din l-apoloġija tiġi aċċettata u għaldaqstant is-Sur Vella kien irreġistrat bħala Assenti b' Apoloġija.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

56.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.3.1 Is-Sindku informa li kienet saret attivita' fl-iskola primarja tal-lokalita' fejn fiha ittellgħu xi' drammi u saret ukoll wirja ta' talenti.

56.3.2 Iċ-ċelebrazzjoni tal-V.E. Day kellha titħassar peress li kien hemm bżonn li jsiru xogħlijiet urġenti mill-Enemalta f' Wesgħat il-Ġublew.

56.3.3 Is-Sindku wera' li kien hemm bżonn ta' intervent ta' restawr fil-faċċata tal-bini amministrattiv tal-Kunsill, speċjalment fil-filati ta' isfel.

56.3.4 Is-Sindku semma' li dwar il-proġett ta' Tal-Għasfura, kienu qed isiru diversi diskussjonijiet fuq l-aħħar xogħlijiet li hemm bżonn isiru u biex jiġu effetwati il-pagamenti pendenti.

56.3.5 Ġie rrappurtat li il-kumpanija Vodafone kellha pjan biex jitwaħħu xi arbli fil-Ġnejna biex jissaħħaħ is-sinjal fl-inħawi. Wara laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, l-inġiniera tal-Vodafone qed jagħmlu l-arranġamenti mas-sidien tal-art fejn kien ippjanat li jitwaħħlu dawn l-arbli.

56.3.6 Is-Sindku semma li kien irċieva diversi ilmenti fuq trailers fiż-żona tal-Ballut. Is-sindku semma li sar rapport lill-pulizija. Informa li minkejja il-fatt li s-sid beda jgħid li kellu permessli mill-Kunsill biex jagħmel dan, dan ma kienx minnu u li l-Kunsill ma ħariġx permessi għalhekk.

**56.4 Korrispondenza**

56.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex 'street-hawker' jarma' fil-Ġnejna. Il-Kunsill iddiskuta u b' mod unanimu m' approvax li jinħareġ permess.

56.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra mingħand waħda mill-impjegati tal-Kunsill li fiha talbet li tiġi kkunsidrata li tingħata skala ta' salarju għolja wara snin ta' ħidma fl-iskala preżenti. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv qara' l-ittra, il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba tiġi diskussa fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss.

**56.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

56.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-KunsiIlieri.

**56.6 Rapporti**

56.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**56.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

56.7 Ma kienx hemm aktar punti dwar dan l-artikolu.

56.7.1 Fis-6:57pm il-Kunsillier Mario Sammut talab li jkun skużat u jħalli l-laqgħa minħabba impenji personali.

**56.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

56.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 05/2017.

56.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**56.9 Mozzjonijiet**

55.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**56.10 Xogħlijiet tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin**

56.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-jiem li ġejjin kien ser joħroġ tliet sejħiet għall-offerti : għall-fence, għat-turf artifiċjali u għax-xogħlijiet relatati mat-toroq rurali taħt Miżura 4.3.

**56.11 Attivitajiet għax-xhur tas-Sajf**

56.11.1 Il-Kunsill qabel li, peress li l-pajjiż jinsab f' nofs kampanja elettorali, il-Kunsill għandu jħalli għal wara l-Elezzjoni Ġenerali biex jagħmel pjanijiet ta' attivitajiet għax-xhur tas-sajf.

**56.12 Rendikont tal-attivita' li saret bħala parti mill-INTERREG**

56.12.1 Il-Hamis, 27 ta' April saret attivita' bħala parti mil-laqgħa ġenerali annwali tal-INTERREG. Madwar 50 delegat internazzjonali ġew fil-bini tal-kunsill sabiex jirċievu informazzjoni dwar il-programm Cypfire li kien ħa sehem fih il-Kunsill fis-snin li għaddew. Fost il-preżentazzjonijiet, kien hemm dawk ta' żewġ esperit Taljani li kienu il-'lead-partners' ta' dan il-proġett, kif ukoll tad-Deputat Sindku Eman Vella li kien il-kap tal-proġett f' isem il-Kunsill. Wara din l-attivita', id-delegati ittieħdu jaraw il-mixtliet taċ-ċipress li għandu l-Kunsill fil-Ballut u l-Ġnejna. Id-delegati kellhom iċ-ċans ukoll iduqu l-frawli tal-Imġarr kif ukoll il-likur tal-frawli.

**56.12 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

56.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:17pm.

56.12.2 Il-Laqgħa li jmiss issejħet għal-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***